# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2000**

**Numru: 5**

**Citazzjoni Numru: 1083/92 JF**

**Benjamin Bonnici ghan-nom u inrapprezentanza tas-socjeta' Bonnici Brothers Limited.**

**vs**

**Francis Vella u Sebastian Vella u Nazzareno Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Express Trailers Limited.**

**Citazzjoni Numru: 1083/92 JF**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' attrici nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tittraspoartalha diversi spare parts mill-Italja ghal Malta.

U premess Ii rrizulta li nonostante l-inkarigu lilhom moghti, s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi minnha assunti li tikkonsenja l-istess spare parts lis-socjeta' attrici.

U premess li b'konsegwenza tal-istess nuqqas da parte tas-socjeta' konvenuta l-attur nomine sofra danni ngenti konsistenti senjatament fil-valur tal-istess spare parts li kellhom jigu trasportati mis-socjeta' konvenuta lill-attur nomine kif premess, oltre danni accessorji ohra ghal liema danni is-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli minhabba li naqset milli tadempixxi l-inkariku moghti lilha mis-socjeta' attrici.

U premess li nonostante il-konvenuti nomine gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni kkagunati mill-konvenuti nomine lill-attur nomine kif premess anke permezz ta' ittra legali datata 6 ta' April, 1992 u ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju, 1992, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine konsistenti l-istess danni fil-valur tal-ispare parts u merkanzija li l-konvenuti nomine kellhom jittrasportaw mill-Italja izda fil-fatt naqsu minn tali obbligu taghhom.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur nomine konsistenti kif premess fil-valur tal-istess spare parts u merkanzija li l-konvenuti nomine naqsu li jittrasportaw mill-Italja ghal Malta kif premess u danni accessorji ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, occorrendo that id-direzzjoni ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat ai termini tat-tieni domanda ta' dina ic-citazzjoni bhala rapprezentanti l-ammont ta' danni sofferti mill-attur nomine minhabba n-nuqqas da parti tal-istess socjeta' konvenuta li tadempixxi l-inkariku moghti lilha mis-socjeta' attrici kif premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-6 ta' April, 1992 u ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju, 1992 u bl-imghax legali sal-effettiv

pagament u b'riserva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lis-socjeta' attrici kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepew illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu respinti billi l-incident li ta lok ghan-nuqqasijiet mertu tal-kawza gara waqt li l-merkanzija kienet qed tigi trasportata mis-"sub-contractor", cioe' Ferrara Giuseppe ta' Via Magna Grecia, Reggio Calabria kif jirrizulta mid-dokument tat-trasport u ghalhekk ikun opportun li dan jigi msejjah fil-kawza.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess in-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra l-kontroll tal-konvenuti nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieta li giet prodotta;

Rat l-"affidavits" li gew ipprezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-digrieti moghtija;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tittrasportalha diversi "spare-parts" mill-Italja ghal Malta. Lista shiha ta' dawn il-"parts" giet esebita mis-socjeta' attrici – ara Dok B u Dok C, a fol. 32 sa 34 tal-process. Il-valur ta' kull oggett jinsab riportat hdejn kull item f'valuta Taljana. Billi kien hemm "letter of credit" u gie nvolut il-Mid Med Bank – ara Dok RC1 a fol. 204 et sequitur – biex jinhareg "irrevocable documentary credit", jirrizulta kemm minn dawn id-dokumenti, kif ukoll mix-xhieda moghtija minn Ray Catania, rapprezentant ta' dan il-Bank, li l-bank hallas f'isem is-socjeta' attrici l-ammont ta' hames elef u tletin lira Maltin, hamsa u tmenin centezmu u erba' millezmi (Lm5,030.85c4m). Illi dwar il-"quantum" tad-danni, l-attur nomine, minkejja li ppremetta li huwa "sofra danni ingenti" komprizi "danni accessorji", fil-fatt, meta xehed Mario Bonnici, prodott mis-socjeta' attrici, qal li bhala danni huma kienu qeghdin jippretendu l-valur tal-merkanzija (ara xhieda tieghu a fol. 27). Illi ghalhekk, id-danni tal-attur nomine huma ta' Lm5,030.85c4m.

Min-naha l-konvenuti nomine ma kkontestawx l-ammont tad-danni mitluba mill-attur nomine, imma jikkontestaw ir-responsabbilta' ghall-akkadut. Huma xehdu li subkontrattaw trasportatur Taljan u li x-xufier impjegat ma' dan it-Taljan l-ewwel safa misruq waqt it-tragitt, bil-konsegwenza li dak li kien hemm fit-trakk insteraq u li, in segwitu, l-istess xufier kien involut f'incident tas-sewqan u lahaq miet. Il-Pulizija Taljana kienet giet debitament infurmata b'dan kollu u saret l-

investigazzjoni min-naha taghha, li ma jidhirx pero' li tat xi frott.

Il-konvenut nomine kienu talbu li jigi kkjamat in kawza s-subappaltat Taljan, Giuseppe Ferrara. Din it-talba pero' giet michuda b'digriet ta' din il-Qorti, kif dakinhar presjeduta, moghti fil-5 ta'Novembru 1993.

Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz – minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parti tas-socjeta' attrici – m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta'attrici ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija lill-attur nomine kif kienet tenuta li taghmel. In vista tal-pagament maghmul f'isimha mill-Mid Med Bank, is-socjeta' attrici sofriet telf fl-ammont fuq imsemmi. Il-konvenuti nomine ma rnexxielhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra l-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur nomine ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarikaw it-trasport lil terz. Kull ftehim tali ghalihom kien "res inter alios acta" u n-norma applikabbli f'kaz bhal dawn hija dik li "pacta tertiis nec prosunt nec nocent". Lanqas biss ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta qatt infurmat lis-socjeta' attrici li kienet ser tqabbad lil terz biex igorr il-merkanzija <u>de quo</u> (fol. 101 tal-process). Jirrizulta inoltre li s-socjeta' konvenuta anke infurmat lill-kumpanija

assiguratrici li maghha hija kienet assikurata sabiex presummibilment tkopriha ghall-incident bhal dan in ezami. Il-konvenuti nomine, waqt it-trattazzjoni orali, baqghu jinsistu li kieku ma kienx ghall-oppozizzjoni da parti tal-attur nomine, huma kienu jdahhlu fil-kawza lit-trasportatur Taljan, li se mai dejjem kellu responsabblilta' in solidum maghhom. Illi dwar dan, apparti d-digriet tal-Qorti surreferit fejn din it-talba tal-konvenuti giet michuda, jigi rilevat li f'decizjoni recensjuri moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: Mamo vs Abela noe, deciza fl-4 ta' Frar 2000 – gie inter alia ritenut illi,

> *"l-istatut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux jigi applikat, u m'ghandux ikun hemm rikors ghalih fejn il-gudizzju jkun diga' integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilta' tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor".*

Dana l-insenjament jattalja perfettament mal-kaz in ezami.

Fil-fehma tal-Qorti, l-attur nomine gab provi fi grad sufficjenti biex juri li t-talbiet tieghu huma fondati u li d-danni tieghu huma fl-ammont ta' Lm5,030.85c4m.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, b'dana li ghall-fini tat-tieni talba qeghda tillikwida in linea ta' danni l-ammont ta' Lm5,030.85c4m per saldu u tikkundanna ghalhekk lill-konvenuti nomine li jhallsuh dana l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-konvenuti nomine u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md